

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 3.3.2010
KUMM(2010) 70 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI
RAPPORT TA' EVALWAZZJONI TAL-PROĠETT “EU PILOT”

{SEG(2010) 182}

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

RAPPORT TA' EVALWAZZJONI TAL-PROĠETT "EU PILOT"

1. INTRODUZZJONI

Taħt it-Trattati, l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea hija responsabbiltà ewlenija tal-Istati Membri Il-Kummissjoni għandha l-awtorità u r-responsabbiltà li tiżgura li l-liġi hija applikata kif suppost. Minħabba l-ambitu tal-acquis tal-Komunità u d-daqs tal-UE, numru kbir ta' mistoqsijiet u elementi ta' tħassib jitqajmu miċ-ċittadini, minn rappreżentanti ta' interessi tas-soċjetà ċivili u min-negozji. Sabiex il-liġi tinftiehem u tiġi applikata kif suppost, jeħtieġ li dawn il-mistoqsijiet u elementi ta' tħassib ikunu indirizzati u tiġi solvuta kemm jista' jkun malajr u b'mod l-aktar effettiv, kwalunkwe problema marbuta mal-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja.

Din il-ħidma li tiżgura l-ftehim u l-applikazzjoni kif suppost tal-liġi, minn dejjem kienet tinvolvi sforz konġunt mis-Servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jidentifikaw il-kwestjonijiet ikkonċernati, jikkjarifikaw is-sitwazzjoni legali u fattwali, isibu soluzzjonijiet u jwieġbu għal mistoqsijiet. Maż-żmien intużaw diversi mezzi ta' kuntatt għal dan il-fini. Madanakollu, ma hemm l-ebda struttura ġenerali, impenn sistematiku jew mezz ta' kif wieħed jista' jkejjel l-effiċjenza u l-progress tal-mod ta' kif twettqet din il-ħidma.

Fil-Komunikazzjoni tagħha "Ewropa li tikseb ir-Riżultati – L-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja"¹, il-Kummissjoni pproponiet li jinbada proġett biex tiġi ttestjata ż-żieda fl-impenn, fil-kooperazzjoni u fl-isħubija bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri f'din il-ħidma. Hija pproponiet impenn konġunt ġdid bejnha u bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri biex tiġi ttestjata l-possibbiltà li lkoll jaħdmu flimkien aktar mill-qrib sabiex jinstabu tweġibiet u soluzzjonijiet aħjar u aktar fil-pront, għall-mistoqsijiet u għall-problemi kkonċernati. L-idea kienet li dan il-metodu ta' ħidma jintuża biex jiġi kkoreġut kwalunkwe ksur fil-liġi Komunitarja, meta dan ikun possibbli, mingħajr il-bżonn li wieħed jirrikorri għal proċedimenti dwar ksur tal-liġi. Għalhekk mhux il-ħsieb li l-proġett jintuża biex tkun ġestita xi kwestjoni li fuqha jkun inbada proċediment, permezz tal-ħruġ ta' ittra ta' notifika formali, skont l-Artikolu 258 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE – eks-Artikolu 226 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea), jew biex tiġi segwita deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-eżistenza ta' ksur tal-liġi.

Bażi tad-dejta kunfidenzjali nħolqot għal komunikazzjoni bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri. Ġie stabbilit netwerk ta' kuntatti biex iħaddem is-sistema, li jiżgura li dawk il-fajls li ddaħħlu fih jilhqnu d-destinazzjoni korretta tagħhom u biex jissorvelja l-progress u l-ispinta għal użu effiċjenti u kostruttiv tas-sistema. Permezz ta' dawn il-mezzi, l-aspetti kollha dwar il-pożizzjoni legali u fattwali fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri jkunu kkjarifikati u kkonfermati u jintlaħqu konklużjonijiet xierqa, jiġu infurmati ċ-ċittadini u n-negozji u jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi, biex b'hekk tkun żgurata l-konformità mal-liġi tal-UE

¹ [COM(2007) 502 finali, taqsima 2.2 "It-titjib tal-metodi ta' ħidma", p.8]

Dan il-proġett, li jismu "EU Pilot", ilu jopera min-nofs ta' April tal-2008 bi ħmistax-il Stat Membru volontarju l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Finlandja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, l-Olanda, il-Portugall, is-Slovenja, l-Iżvezja, Spanja u r-Renju Unit.

Il-Kummissjoni pproponiet li ssir evalwazzjoni tat-tħaddim tal-proġett wara l-ewwel sena tal-ħidma tiegħu. Dan id-dokument fih ir-rapport ta' evalwazzjoni tat-tħaddim tas-sistema sa nofs Frar tal-2010.

2. INFORMAZZJONI DWAR IT-TĦADDIM TAL-"EU PILOT"

Sa min-nofs Frar tal-2010, 723 fajl tressqu għall-proġett "EU Pilot". Minn dawn, 424 fajl għaddew mill-proċess sħiħ tal-proġett "EU Pilot". Dan jikkostitwixxi bażi suffiċjenti għall-ewwel evalwazzjoni tat-tħaddim tal-proġett "EU Pilot"

Madwar 60% tal-fajls jikkonsistu f'ilmienti, filwaqt li aktar minn 20% jikkonsistu f'mistoqsijiet u madwar 20% oħra huma fajls li nħolqu mill-Kummissjoni fuq inizjattiva proprja. Fost l-ilmienti u l-mistoqsijiet, 43% tal-fajls ġejjin minn ċittadini u 36% min-negozji jew korpi tas-soċjetà ċivili. Is-suġġett tal-fajls jikkonferma l-esperjenza eżistenti tal-volum ta' mistoqsijiet u problemi li tqajmu fis-setturi differenti tal-liġi Komunitarja: 36 % li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent; 21% is-suq intern, 8% it-tassazzjoni, 7% l-impjiegi, il-liġi tax-xogħol u s-sigurtà soċjali; 6% il-ġustizzja, il-ħelsien u s-sigurtà, 5% l-intrapriża; 4% is-saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur u 4% l-agrikoltura.

Huwa ċar li l-aktar Stati Membri kbar għandhom it-tendenza li jirċievu aktar fajls min-ħabba l-fatt li għandhom popolazzjoni akbar u numru akbar ta' negozji u rappreżentanti ta' interessi tas-soċjetà ċivili. S'issa xi Stati Membri kellhom jittrattaw biss numru żgħir ta' fajls. F'dan l-istadju, ir-rispons li wasal mingħand l-Istati Membri kien, fil-biċċa l-kbira tiegħu, wieħed pożittiv. L-Istati Membri ġibdu l-attenzjoni, b'mod partikolari, għall-kontribut li l-proġett "EU Pilot" jista' jagħmel biex titjeb il-komunikazzjoni mal-Kummissjoni, biex b'hekk jistgħu jiġu pprovduti reazzjonijiet aħjar u aktar fil-pront għall-inkjesti u l-ilmienti FI-istess ħin, l-Istati Membri ġibdu l-attenzjoni għall-bżonn li jitjeb iżjed it-tħaddim konkret tas-sistema (pereżempju billi jiġi kkjarifikat l-iskop tagħha u r-regoli dwar kif il-Kummissjoni għandha tamministra l-fajls).

L-evalwazzjoni globali tal-Kummissjoni tindika li l-kwestjonijiet li tqajmu fil-maġġoranza l-kbira ta' dawn il-fajls fihom xi kontenut rilevanti li jistħoqqlu xi tip ta' reazzjoni. L-evalwazzjoni inizjali tar-rata ta' suċċess tindika li kienet għolja u, skont is-servizzi tal-Kummissjoni, 85% tar-reazzjonijiet ipprovduti mill-Istati Membri kienu aċċettabbli, tant li seta' jingħalaq il-fajl. Xi fajls kellhom xorta jgħaddu għall-fażi ta' ksur, bir-riżultat li sal-bidu ta' Frar tal-2010, kien hemm 40 każ ta' proċedimenti dwar ksur inniedi jew li kienu qegħdin jiġu preparati wara li ġew trattati fil-proġett "EU Pilot". Fir-rigward tal-ipproċessar tal-fajls li tressqu, il-livell ta' rifjut tal-fajls min-naħa tal-Istati Membri kien baxx ħafna (3%) u r-rifjuti kienu, fil-biċċa l-kbira tagħhom, marbuta ma' nuqqas ta' informazzjoni trażmessa minn dak li ressaq l-ilment. Kważi 67% tal-fajls li tressqu qanqlu reazzjoni min-naħa tal-Istat Membru fi żmien għaxar ġimgħat, b'medja ta' 73 ġurnata. L-ebda qafas ta' żmien ma ġie stipulat għall-ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni li komplew isegwu fuq ir-reazzjonijiet ipprovduti mill-Istati Membri, iżda madwar 40% tal-fajls tlestew fi żmien għaxar ġimgħat oħra, b'medja ta' 109 ġurnata.

Il-perċezzjoni inizjali tal-Kummissjoni dwar it-tħaddim tal-proġett “EU Pilot” u tal-mod kif ġew ipproċessati l-biċċa l-kbira tal-fajls, hija waħda pożittiva. Il-proġett “EU Pilot” beda jikkontribwixxi b’mod pożittiv għall-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jinkisbu riżultati dwar kwestjonijiet marbutin mal-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja fi żminijiet raġjonevoli. Fl-istess ħin, l-effiċjenza tas-sistema tista’ titjieb aktar permezz ta’ żieda fil-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni fir-rigward ta’ fajls individwali u tnaqqis fiż-żmien medju li jittieħed biex ikunu pproċessati l-fajls.

3. ANALIŻI ULTERJURI U ŻVILUPP TAL-PROĠETT “EU PILOT”

Is-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri żviluppaw ftehim ċar tal-pjattaforma teknika u qegħdin iħaddmuha b’mod effiċjenti. Hemm aspetti li jistgħu jiġu kkjarifikati u mtejba, sabiex ikun iffaċilitat l-użu tagħha Ħafna żviluppi huma diġà ppjanati.

In-natura tal-fajls introdotti fil-proġett “EU Pilot” titqies, b’mod ġenerali, bħala rilevanti għall-iskop tal-applikazzjoni tal-proġett “EU Pilot” u tqajjem kwestjonijiet li jisħoqqilhom l-attenzjoni. Mill-bidu nett kien għadu mhux ċar jekk il-proġett kienx se jkopri l-fajls li nħolqu fuq l-inizjattiva proprja tas-servizzi tal-Kummissjoni peress li l-proġett kien iddiżinjat essenzjalment biex jittratta kwestjonijiet li tqajmu miċ-ċittadini, min-negozji u mill-interessi tas-soċjetà ċivili. Madanakollu, din il-kwestjoni ġiet diskussa u ntlaħaq ftehim ġenerali dwar il-vantaġġi marbutin mal-użu ta’ sistema għal kull tip ta’ komunikazzjoni bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri. F’każi partikolarment kumplessi, skambji permezz tal-EU Pilot jistgħu jiġu kumplimentati permezz ta’ laqgħat esperti.

Ġie kkonfermat il-valur ta’ użu aktar konsistenti tal-proġett “EU Pilot” mis-servizzi tal-Kummissjoni. Mingħajr ħsara għal mekkaniżmi oħra stabbiliti mil-liġi tal-UE, dan ifisser li l-fajls kollha għandhom jiddaħħlu fil-proġett “EU Pilot” sabiex il-pożizzjoni fattwali jew legali tista’ tiġi kkjarifikata. Madanakollu, l-eċċezzjonijiet huma awtorizzati meta minħabba urġenza jew interess aktar importanti tkun tinħtieġ it-tnedija immedjata ta’ proċedura dwar ksur tal-liġi. F’bosta każi dan se jiżgura li tingħata tweġiba għal kull mistoqsija, jew li tinstab soluzzjoni għal kull problema, aktar malajr milli kien ikun possibbli permezz ta’ proċedimenti dwar ksur, biex b’hekk ikun żgurat skambju ta’ informazzjoni mtejjeb u titjib fl-ittraċċjar tal-fajls. Filwaqt li bħalissa, is-servizz tal-Kummissjoni jikkunsidra li jkun utili li tintbagħat ittra amministrattiva qabel ma jittieħed kwalunkwe pass formali, se tkun pprovduta wkoll formola li għandha timtela fil-“EU Pilot” u tintbagħat permezz tas-sistema bħala l-uniku mezz għall-komunikazzjoni ta’ din l-informazzjoni. Din is-sistema tieħu post il-prattika regolari tas-servizzi tal-Kummissjoni fejn jintbagħtu ittri amministrattivi u se tiżgura rikors għal Prattika aktar ġenerali u konsistenti fir-rigward tal-EU Pilot. Għall-anqas, se tipprovidi perjodu ta’ konsultazzjoni qasir mal-awtoritajiet tal-Istati Membri biex tinstab soluzzjoni konkreta aktar malajr milli kien ikun possibbli bl-użu ta’ proċediment dwar ksur tal-liġi. L-użu tal-proġett “EU Pilot” ma jipprekludix id-diskrezzjoni li jintużaw kuntatti addizzjonali biex jiġi żgurat segwitu ulterjuri tal-fajls tal-“EU Pilot”. Il-proġett ma joffrix garanzija li l-Istati Membri ser ikunu għall-anqas infurmati b’mod konsistenti, bit-tnedija li x’aktarx ser issir tal-proċedimenti dwar ksur tal-liġi, mingħajr ma jkun hemm xi dewmien biex jinbdew dawn il-proċedimenti. Dan ser isir dejjem, sakemm l-urġenza tkun tali li tkun meħtieġa azzjoni formali immedjata, biex b’hekk ikun hemm konferma u kontinwazzjoni tal-impenn reċiproku biex tinstab fil-pront kemm jista’ jkun ir-risoluzzjoni possibbli għal kull kwestjoni fi kwalunkwe stadju tal-proċess għat-tisħiħ tal-applikazzjoni kif suppost tal-liġi tal-UE. Dan se jiġi miegħu benefiċċji għaċ-

ċittadini, u konsistenza u effiċjenza fl-organizzazzjoni ta' din il-ħidma kemm għall-awtoritajiet tal-Istati Membri kif ukoll għas-servizzi tal-Kummissjoni.

Is-servizzi tal-Kummissjoni qegħdin jaħdmu biex jiżguraw li l-kwestjonijiet li tqajmu fil-proġett “EU Pilot” jiġu dejjem introdotti fuq il-bażi tal-ispjegazzjoni tal-kwestjonijiet l-aktar ċara possibbli, biex b’hekk jiżdiedu l-interess u l-awtorità tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kwestjonijiet li jitqajmu miċ-ċittadin. Dan jiffaċilita l-ħidma tal-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jiġi żgurat li r-reazzjonijiet tagħhom jipprovdu wkoll spjegazzjonijiet ċari u soluzzjonijiet immirati lejn il-kwestjonijiet ewlenin. L-awtoritajiet tal-Istati Membri huma impenjati li jiżguraw li l-kwestjonijiet li tqajmu jkunu indirizzati kif suppost mit-tweġibiet ipprovduti.

Tqajmet il-kwestjoni dwar il-lingwi li għandhom jintużaw għall-komunikazzjoni lejn u mill-Istati Membri u maċ-ċittadini, in-negozji jew il-gruppi ta’ rappreżentanti ta’ interessi tas-soċjetà ċivili kkonċernati. Intgħaraf li jista’ jkun li tinqala’ l-ħtieġa li t-testi jkunu tradotti f’ mument jew ieħor matul il-proċess. Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura li s-sistema taħdem bl-aktar mod effettiv possibbli, filwaqt li jitqiesu r-regoli rilevanti u l-proċeduri u l-użu differenti tal-lingwi li jistgħu jintużaw f’kuntasti amministrattivi differenti. Il-Kummissjoni se tiżgura t-traduzzjoni tat-testi għall-finijiet proprji tagħha u fejn dan huwa meħtieġ biex issostni l-ħidma tal-Istati Membri.

Il-proġett “EU Pilot” jipprevedi l-komunikazzjoni diretta tat-tweġibiet mill-awtoritajiet tal-Istati Membri lid-destinatarju finali, kull meta dan hu xieraq, sabiex jiġi ssimplifikat u jitqassar iż-żmien meħud biex ikunu pproċessati l-fajls skont il-kuntest partikolari u l-kwestjonijiet li tqajmu. Barra minn hekk, xi Stati Membri jikkunsidraw li, b’mod ġenerali, jixraq aktar li l-Kummissjoni tweġeb għal korrispondenza li, hekk jew hekk, tkun ġiet indirizzata oriġinalment lilha. Dan jiżgura wkoll li l-korrispondent jirċievi l-elementi kollha tat-tweġiba, li jkun fiha elementi pprovduti mis-servizzi tal-Kummissjoni kif ukoll mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, fl-istess ħin. Għalhekk, it-tweġiba lill-korrispondent tista’ tintbagħat permezz tas-servizzi tal-Kummissjoni sakemm l-Istat Membru ma jkunx tal-fehma li tkun xierqa tweġiba diretta. Fi kwalunkwe każ, il-korrispondent dejjem se jirċievi evalwazzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni tat-tweġiba pprovduta mill-awtorità tal-Istat Membru.

Permezz ta’ din l-ewwel evalwazzjoni tat-tħaddim tal-proġett “EU Pilot”, sar l-ewwel attentat biex il-fajls ikunu kkatégorizzati skont il-kontenut tagħhom. L-għan huwa li wieħed jipprova jidentifika jekk tipi ta’ fajls differenti jeħtiġux li jiġu pproċessati b’mod differenti u jekk huwiex possibbli li jitfassal metodu standard biex jiġi evalwat x’tul ta’ żmien jidher aċċetabbli għall-ipproċessar ta’ tipi ta’ kwestjonijiet differenti. L-eżami ulterjuri ta’ din il-mistoqsija se tiffirma parti mill-ħidma fuq il-proġett li għadha għaddejja. Din l-analiżi approssimattiva tal-fajls tindika li f’madwar 60% tal-fajls ġiet identifikata l-possibbiltà ta’ diffikultà Prattika, osservata minn ċittadin jew negozju, li tqum fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja, f’madwar 25% tal-fajls tqajmet il-possibbiltà ta’ ksur fil-liġi Komunitarja, f’madwar 15% minnhom kien hemm involuti mistoqsijiet dwar kwestjonijiet marbutin mal-użu ta’ drittijiet taħt il-liġi Komunitarja u f’madwar 2 % minnhom kien hemm involuti talbiet sempliċi għal informazzjoni jew speġazzjonijiet.

Huwa rikonoxxut li n-norma ta’ referenza ta’ għaxar ġimgħat li ġiet stabbilita għal reazzjonijiet fil-proġett “EU Pilot” għandha sservi biss ta’ referenza ġenerali għall-ipproċessar tar-reazzjonijiet tal-Istati Membri. Dan għaliex in-natura tal-kwestjoni li tqajmet u l-azzjoni li

għandha tittieħed biex din tiġi indirizzata jistgħu jvarjaw ħafna, kif ikkonfermat id-differenza kbira fit-tul taż-żmien li ttieħed fuq fajls differenti li jkunu għaddew mis-sistema. Hija possibli xi tip ta' reazzjoni għal għadd kbir ta' kwestjonijiet ħafna qabel għaxar ġimgħat, filwaqt li oħrajn jistgħu jirrikjedu aktar żmien minn hekk. Is-servizzi tal-Kummissjoni xi drabi jitolbu għal reazzjoni f'anqas minn għaxar ġimgħat, għal raġunijiet li għandhom jiġu spjegati fit-talba stess. Il-prestazzjoni ġenerali titkejjel kontra n-norma ta' referenza ta' għaxar ġimgħat. Iż-żmien li jittieħed mis-servizzi tal-Kummissjoni biex jevalwaw ir-reazzjonijiet u jinfurmaw id-destinatarju finali bil-konklużjonijiet mil-huqa huwa biċ-ċar element importanti fil-ħeffa li biha se jiġu pproċessati l-fajls, aktar u aktar meta wieħed iqis li r-reazzjoni tal-Istat Membru u l-evalwazzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni jiġu kkomunikati lid-destinatarju finali mis-servizzi tal-Kummissjoni. Referenza ta' għaxar ġimgħat hija għalhekk irrikonoxxuta bħala referenza għal żmien li tulu għandha ssir l-evalwazzjoni min-naħa tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-reazzjonijiet li nġhataw mill-Istati Membri fuq l-istess bażi deskritta hawn fuq fir-rigward ta' Stati Membri. Ir-rispett għal dawn ir-referenzi se jiżgura li l-ewwel pass formali fil-ġestjoni ta' tali fajls, fejn tintbagħat ittra ta' avviż formali jew jingħalaq il-fajl, jista' jittieħed fi ħdan sitt ġimgħat, li huwa bil-qabda aktar kmieni mill-perjodu ta' tnax-il xahar li s'issa qiegħed fil-mira, li jibda' bl-ipproċessar fil-bidu tal-ilmenti u jintemm billi tintbagħat ittra ta' avviż formali jew bl-għeluq tal-fajl.

B'mod ġenerali, l-awtoritajiet tal-Istati Membri u s-servizzi tal-Kummissjoni għamlu sforz konsiderevoli u fit-tul biex dan il-proġett jibda' jaħdem u biex jiġi żgurat it-tħaddim inizjali tiegħu. Kien hemm kollaborazzjoni tajba ħafna bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri kemm b'mod bilaterali kif ukoll ilkoll flimkien. Inġhatat attenzjoni kbira għar-reviżjoni tal-progress u l-eżitu tal-fajls u għat-tħaddim ġenerali tas-sistema. Hemm appoġġ ġenerali biex dan il-metodu ta' ħidma jkompli jintuża u interess fil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri l-oħra.

4. KONKLUŻJONIJIET ĠENERALI

S'issa l-evalwazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni tal-funzjonament tal-EU Pilot uriet li:

- Il-bidu tal-proġett “EU Pilot” tlesta b’suċċess u l-proġett qiegħed jibda’ jagħmel kontribut pożittiv għall-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri li qegħdin jipparteċipaw, biex jitwieġbu mistoqsijiet u jinstabu soluzzjonijiet għal problemi ta’ ċittadini, negozji u rappreżentanti ta’ interessi tas-soċjetà ċivili;
- Kisba importanti tal-proġett “EU Pilot” hija l-ħolqien ta’ netwerk attiv ta’ punti ta’ kuntatt fis-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali. Dan qiegħed isaħħaħ is-sorveljanza tal-ġestjoni tal-dwar mistoqsijiet u lmenti u jżid il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri;
- Relazzjoni miftuħa u ta’ kollaborazzjoni bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri li qegħdin jipparteċipaw hija evidenti fl-iżvilupp tal-proġett u fit-tħaddim bikri tiegħu;
- Is-sistema bdiet turi riżultati pożittivi filwaqt li hemm ukoll ħafna aspetti li jistgħu jiġi żviluppati aktar biex jitjieb it-tħaddim tas-sistema, jiżdied il-ftehim bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-Istati Membri li qegħdin jipparteċipaw u titjieb il-ħeffa li biha qegħdin jiġu pproċessati l-fajls u jinkisbu r-riżultati;
- Il-Kummissjoni u l-Istati Membri li qegħdin jipparteċipaw huma impenjati li jkomplu jaħdmu biex itejbu l-ipproċessar tal-fajls permezz tal-proġett “EU Pilot” u jtejbu l-metodi ta’ ħidma involuti fil-proġett “EU Pilot”; u
- Il-proġett “EU Pilot” għandu jkompli jintuża u jiġi żviluppat b’parteċipazzjoni wiesgħa kemm jista’ jkun min-naħa tal-Istati Membri, sabiex l-applikazzjoni tiegħu tissaħħaħ u titwessa’.

Il-Kummissjoni bi ħsiebha tistieden lil dawk l-Istati Membri li għadhom mhumiex jipparteċipaw fil-proġett “EU Pilot” sabiex jingħaqdu mal-proġett, biex l-applikazzjoni tiegħu titwessa’, l-impatt tiegħu jkun estiż u l-iżvilupp tiegħu jkompli jissaħħaħ.

Evalwazzjoni ulterjuri tal-funzjonament tal-“EU Pilot” hija ppjanata għall-2011.